MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 388/2007

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Carmelo u Mary mizzewgin Calleja

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-P.L. Joseph Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. li bih espona:

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet "Paul Gambina ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited vs Carmelo u Mary mizzewgin Calleja" (Citazz. Numru 1250/94FGC)(Dok "A"), is-socjeta` rikorrenti giet kanonizzata kreditrici ta' Carmelo u Mary mizzewgin Calleja fis-somma ta' ghaxart elef, seba' mija u tmienja u disghin liri Liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm10,798.59) kwantu ghaxart elef, tliet mija u sitta u tmenin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm10,386.88) sorte u kwantu ghal erba' mija, hdax-il Lira

Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm411.71) spejjez tal-kawza skond taxxa annessa mar-rikors u mmarkata Dok B, flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta’ April 1994, sal-jum tal-pagament effettiv, liema sentenza giet reza ezegwibbli permezz ta’ Rikors Numru 659/2000RCP (Dok C) ta’ l-24 ta’ Mejju tas-sena 2000, flimkien ma’ sitta u sittin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm66.50) spejjez tar-rikors skond taxxa annessa mar-rikors u mmarkata Dok “D”.

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u d-debitu ta’ Carmelo u Mary mizzewgin Calleja kien ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lil din il-Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet “Bank of Valletta p.l.c. vs Carmelo u Mary mizzewgin Calleja” (Rikors Numru 659/2000RCP)(Dok C) bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-intimat nomine.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tal-bank rikorrent.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed il-P.L. Joseph Zammit li qal li ghamel il-verifiki necessarji u nforma lill-Qorti li minn mindu gie prezentat ir-rikors ma sar ebda pagament mill-intimati.

Rat illi l-intimati debitament notifikati skond il-ligi ma dehrux ghas-seduta tal-lum u anqas ipprezentaw risposta.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti qed tilqaghha u tawtorizza lill-istess

socjeta` rikorrenti tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------